MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 18/2013

Amabile **Zammit**

**vs**

**L-Onorevoli Priministru;**
**L-Avukat Generali; u**
**Id-Direttur Generali, VAT gia Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li pprezenta r-rikorrent fl-20 ta’ Frar 2013, li jaqra hekk:

Illi fid-19 ta’ Jannar 2009, l-esponent appella kontra hames stejjem ta’ taxxa b’totali ta’ EUR44,573.65 barra penali amministrattiva u imghax ghall-perjodi Settembru 2002/Awwissu 2003, Settembru 2003/April 2004, Mejju 2004/Awwissu 2004, Settembru 2004/Awwissu 2005 u Settembru 2005/Awwissu 2006.

Illi l-aggravju tal-appellant kien fis-sens illi l-istimi ma hargux properly, reasonably u fairly.

Illi fir-risposta tieghu, il-Kummissarju appellat qajjem l-eccezzjoni tan-nullita’ tal-appell stante illi skont hu, l-appell gie intavolat fuori termine.

Illi nhar it-2 ta’ Novembru 2011, il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Appell Numru 1/09) fis-sentenza fl-ismijiet “Amabile Zammit (Nru tar-registrazzjoni 1396/3232) vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud” iddecieda illi l-appell tal-esponent kien tardiv u ghalhekk l-istimi mahruga kontra l-esponent kienu finali.

Illi l-esponent appella kontra s-sentenza tal-Bord lill-Qorti tal-Appell izda l-appell tieghu gie michud permezz tas-sentenza tad-29 ta’ Novembru 2012, fl-ismijiet “Amabile Zammit (Nru tar-registrazzjoni 1396/3232) (ID. 38563G) vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud” (Appell Numru: 23/2011/RCP).

Illi ghalhekk, it-taxxa vantata giet *final and conclusive* minghajr ma l-appellant ressaq provi u gie dibatut il-mertu tal-kaz tieghu.

Illi kif ser jigi spjegat, l-appellant kien intavola l-appell tieghu fuori termine minhabba ragunijiet gravi u sufficcjenti senjatament kagun ta’:

(a) Nuqqas ta’ komunikazzjoni mill-ispettur tal-VAT; u

(b) **Fuq kollox** minhabba l-fatt illi fiz-zmien illi harget l-istima huwa kien certifikat ‘***severely disabled as a result of right sided facial palsy***’ (speci ta’ puplesija). Illi jehtieg jigi enfasizzat illi l-istimi gew rekapitati minn mart l-esponent fil-15 ta’ Dicembru 2008 meta l-esponent kien sofra l-facial palsy debilitanti f’Novembru 2008.

Illi minkejja illi, a tempo debito, tressqet prova ta’ dawn ir-ragunijiet gravi u sufficcjenti, kemm il-bord kif ukoll il-qorti tal-appell, fuq skorta tal-gurisprudenza nostrana,

ittrattaw it-terminu tal-appell bhala wiehed perentorju illi ma jista' jigi estiz fl-ebda kaz.

Illi effettivament, ir-regoli applikati mill-organi gudizzjarji msemmija cahdu lill-esponent, ***fic-cirkostanzi partikolari tieghu***, milli jaccedi ghall-gustizzja b'mod effettiv.

Illi n-normi dwar it-termini tal-appell u l-mod inflessibbli u rigidu kif gew applikati mill-qrati nostrani irrizultaw f'sitwazzjoni fejn f'kaz genwin bhal dak odjern, persuna titlef id-dritt ta' appell u access ghar-revizjoni gudizzjarja.

In succint, l-esponent qed isostni illi d-dritt tieghu ghall-appell gie mcahhad.

Talab ir-rikorrent jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara illi nkisru d-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 (Smigh Xieraq) u l-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39(2) (Smigh Xieraq);

Thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Amabile Zammit (Nru tar-registrazzjoni 1396/3232) (ID. 38563G) vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" (Appell Numru: 23/2011/RCP) tad-29 ta' Novembru 2012;

Thassar is-sentenza illi nghatat mill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tat-2 ta' Novembru 2011 (Appell Numru 1/09) fl-ismijiet "Amabile Zammit (Nru tar-registrazzjoni 1396/3232) vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud";

Tiddikjara illi l-partita 2(1)(c) tad-Disa' Skeda f'Kapitolu 406 hija leziva tad-dritt ghal smigh xieraq ghaliex ma tippermettix estensjoni tat-terminu previst anke meta jkun hemm prova ta' gusta kawza;

Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti;

Taghti kull rimedju, direttiva u kumpens li jidhrilha xieraq.

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha eccepew illi:

Preliminarjament, il-Prim Ministru certament mhux il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimati jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors Promotur u jirrilevaw illi ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrent u dan ghas-segwenti motivi li qeghdin jigu avvanzati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

Fl-ewwel lok, it-talbiet tar-rikorrent, kif dedotti fir-Rikors, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li:

(i) jidher li r-rikorrent qed juza din l-azzjoni straordinarja sabiex jirriproponi terzo appello li huwa intiz biss sabiex itawwal il-proceduri, apparti li hu frivolu u vessatorju;

(ii) l-ammont ta’ taxxa kellha tingabar minghand il-konsumaturi skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 406; u ghalhekk f’kwalunkwe kaz ma jistax jinghad li r-rikorrent ma kellux access ghall-gustizzja*;*

(iii) Illi jirrizulta li kemm il-Bord kif ukoll il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fic-cirkostanzi taw opportunitajiet indaqs liz-zewg partijiet sabiex jaghmlu is-sottomissjonijiet taghhom u ghalhekk ukoll ma jistax jinghad li r-rikorrent ma kellux smigh xieraq jew li ma kellux access ghall-gustizzja;

(iv) kif jirrizulta mill-proceduri in kwistjoni kemm il-Bord tal-Appell kif ukoll il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) imxew skont il-principji tal-gustizzja fejn huwa

> principju assodat fil-Gurisprudenza taghna li t-termini mposti mill-ligi huma ta' ordni pubblika u ma jistghux jigu injorati bl-ebda mod lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula stante li jaghti lok ghall-incertezza legali;

Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju jirrizulta mill-atti tal-proceduri li r-rikorrent ma ntavolax l-appell tieghu fit-terminu stipulat fil-Partita 4 (1)(d) tad-Disa Skeda tal-Kap 406 u kien tardiv b'erba t'ijiem u dan kien terminu car ta' dekadenza li japplika ghal kulhadd;

Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju, ghandu jinghad ukoll li r-rikorrent nghata kull opportunita` ta' smigh xieraq kif konfermat mid-decide tal-Bord tal-Appell tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, meta l-istess Bord ma tax decizjoni dwar il-penali amministrrattiva fuq zewg stejjem li jkopru l-perijodu Settembru, 2002/April 2004, u irrizerva li jiehu konjizzjoni dwar din il-materja specifika fi stadju iehor u dana sakemm jigi konfermat jekk r-rikorrent Zammit kienx ser ikompli jikkontesta tali penali amministrattiva;

Fir-raba lok, fi kwalunkwe kaz, pero`, fl-interess tac-certezza legali, l-Istat ghandu kull dritt li jimponi termini ta' dekadenza sabiex persuna tkun tista tintavola l-proceduri idoneji f'terminu ragjonevoli sabiex wiehed jadixxi t-Tribunali statutorji u ghalhekk certament ma jistax jinghad li hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent stante li t-taxxa fuq il-valur mizjud diga ngabret mir-rikorrent ghan-nom tal-Gvern minghand il-konsumatur;

Fil-hames lok, kif gie ritenut diversi drabi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani, materji konnessi mat-taxxa ma jaqghux fid-definizzjoni ta' *'drittijiet u obbligi civili'* skond l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew *"ta' drittijiet civili u ta' obbligu tieghu"* taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u ghalhekk ir-rimedju mitlub taht l-Artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet, kif

inkorporata fil-Kapitolu 319 tal-ligijiet, mhuwiex ammissibbli. *(Vide sentenza Ferrazini v Italy 12 ta' Lulju 2001, Appell numru 44759/98 u Vilko Eskelissen v Finland, 19 t'April 2007 b'mod partikolari l-paragrafu 61);*

*Dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent (li l-esponenti qed jikkontestaw) fl-umli fehma tal-esponenti fic-cirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti;

Salv eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, apparti li hu frivolu u vessatorju, stante li ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni; bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Rat illi fl-udjenza quddiem din il-Qorti tal-10 ta' Mejju 2013, ir-rikorrent irtira l-kawzali (a), cioe', sa fejn kien qed jibbaza l-aggravji tieghu fuq in-"nuqqas ta' komunikazzjoni mill-ispetturi tal-VAT";

Rat id-decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Appell Numru 1/09) datata 2 ta' Novembru 2011, u d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri (Appell Numru 23/11) li nghatat fid-29 ta' Novembru 2012;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi b'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qed jghid li hu kien ircieva hames stejjem ta' taxxa b'total ta' €44,573.65, barra penali amministrattiva u imghax mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kummissarju tal-VAT) ghal diversi snin, u xtaq jappella minn dawn l-istejjem, izda ressaq l-appell tieghu tardivament u dan gie michud. Ir-rikorrent jghid illi hu pprezenta l-atti tard peress illi, fi zmien in kwistjoni, kellu attakk ta' puplesija u ma kienx fi stat li jressaq l-appell fi zmien utili. Kemm il-Bord tal-Appelli msemmi kif ukoll il-Qorti tal-Appell ma accettawx din l-iskuzanti, u qiesu l-appell tar-rikorrenti null.

Kif inghad, b'dawn il-proceduri, ir-rikorrent jissottometti illi l-pozizzjoni rigida li hadu l-Bord tal-Appelli u l-Qorti tal-Appell fil-konfront tieghu, tellfuh mill-access ghall-gustizzja bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Bhala fatt, jirrizulta li l-appell li ressaq ir-rikorrent huwa tardiv b'erbat ijiem (regolament 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Att relattiv, Kap. 406 tal-Ligjiiet ta' Malta), peress li kellu jitressaq sal-14 ta' Jannar 2009, u fil-fatt tressaq fid-19 ta' Jannar 2009 (ir-rikorrent kien gie notifikat bl-istejjem fil-15 ta' Dicembru 2008).

Fil-kuntest tat-termini ghall-appelli, il-pozizzjoni trid bilfors tkun kemmxejn rigida ghax decizjoni jew, bhal f'dan il-kaz, stejjem ta' hlas ta' taxxa, jekk se jigu kkontestati, dan ikun irid isir fi zmien pre-determinat li ma jistax jigi estiz ghal kull raguni kwalunkwe. Il-Qorti tal-Appell, fil-kawza "San Martin Estates Ltd vs Gauci et", deciza fil-31 ta' Jannar 2011, b'referenza ghall-gurisprudenza anterjuri, ghamlet dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward:

"*Fil-kawza ricenti fl-ismijiet* ***Zwack-Wandrey v. In-Sight Ltd****, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-6 ta' Ottubru 2010, gie traccjat dan il-hsieb dwar it-termini ghall-appell:*

*"Is-socjeta` intimata opponiet dan l-appell bis-sottomissjoni illi l-istess hu irritwali in kwantu fuori termine. Dan apparti li kkontestat ukoll il-mertu tieghu;*

*"Fuq din il-pregudizzjali jibda biex jigi registrat illi huwa fil-generalita` tar-riti processwali taht id-diversi ligijiet u ghal liema hu konsentit appell, illi t-termini fihom preskritti ghall-appell jinkwadraw ruhhom fl-istitut tad-dekadenza. Dan huwa hekk ghas-semplici fatt materjali u oggettiv tad-dekorrenza taz-zmien. Ara "**Caterina Tabone -vs- Nobbli Gio Carlo Mallia et**", Appell Civili, 3 ta' Ottubru, 1927;*

*"Il-kwestjoni hawnhekk sollevata giet proprju minn din il-Qorti diversi drabi ezaminata. Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi "huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. <u>Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutili taghhom ma jkunx imputabbli lil parti interessata</u>. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi «l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku <u>u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula</u>» ("**Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Marzu, 1997)". Ara "**Salina Wharf Marketing Limited -vs- Malta Tourism Authority**", Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007."*

*(Sottolinear ta' din il-Qorti)*

*(ara wkoll **Dhaidi v. Bortex Clothing Industry Co. Ltd**, deciza mill-istess Qorti fit-23 ta' Ottubru 2009, fejn intqal li t-terminu stabbilit hu wiehed fatali u ma jistax jigi sanat b'xi re-integranda u "of course the fact that the delay was only of one day cannot, unfortunatley for the appellant, help him").*"

B'dan kollu, dan ma jfissirx illi l-attitudni tat-tribunal kienet dejjem u f'kull kaz wahda inflessibbli. Jista' jkun li jkun hemm ragunijiet serji u impellenti ghan-non-osservanza tat-termini tal-appell, bir-rizultat li jkun jisthoqq li jinghata *restitutio in integrum*, u l-appellant jinghata opportunita' li jressaq appell tard. Fi kliem iehor, ir-regola ma hijiex daqshekk inflessibbli li ma tippermettix, kif gieli sar, eccezzjonijiet.

Fil-fatt, f'dan il-kaz, il-Bord tal-Appelli ma applikax il-principju b'mod rigidu u inflessibbli. Fis-sentenza tieghu qal illi, mid-duttrina tal-qrati, "*jidher car illi mhux lakemm raguni ghal tardivita' tigi milqugha; ghall-kuntrarju trid tkun ta' natura gravi*". Il-Bord tal-Appelli, fi kliem iehor, irrikonoxxa illi, fl-interess tal-gustizzja, jista' jkun hemm cirkostanzi li jwasslu ghall-purgazzjoni tad-dewmien. Ovvjament, mhux kull raguni ghandha jew tista' tigi milqugha; peress li qed nitkellmu fuq kuncett ta' ordni pubbliku, ir-raguni trid tkun ta' certa gravita'. It-tribunal aditt irid iwiezen ic-certezza tad-dritt mal-kondizzjoni tal-persuna milquta, u dan dejjem fl-interess tal-gustizzja. Il-Bord tal-Appelli, f'dan il-kaz, qies il-kondizzjoni tar-rikorrent u ra li, fic-cirkostanzi, il-marda li kellu r-rikorrent ma kinitx timpedih iressaq appell fil-hin. Mhux kompitu ta' din il-Qorti tidhol biex tezamina l-analizi li ghamel il-Bord tal-Appelli tac-cirkostanzi tal-kaz ghax din materja mhollija ghall-gudizzju tat-tribunal tal-fatt, u mhux ta' din il-Qorti.

Din il-Qorti tista', ovvjament, twarrab l-analizi ta' fatt li tkun ghamlet qorti jew tribunal ordinarju jekk jirrizultaw cirkostanzi serji u impellenti li jwasslu lill-Qorti tikkonkludi li d-decizjoni milhuqa kienet irragjonevoli jew skabruza wisq. F'dan il-kaz, din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju ta'

"review" u ma tarax li ghandha twarrab il-konkluzjoni milhuqa mill-Bord tal-Appelli u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell.

Ghalkemm meta rcieva l-istejjem, ir-rikorrent kellu attakk ta' facial palsy, l-effett taghha huwa estetiku aktar minn haga ohra. Hu veru li hu jghid illi din il-marda effettwatu psikologikament, pero', ma gab ebda prova ta' dan, u meta tqis li kellu episodju iehor fl-2006, wiehed jista' jghid li kien "ippreparat" ghaliha, u ma kellux ikun daqshekk miflug li ma setax jikkuntattja lill-accountant tieghu, li kien jehodlu hsieb il-kotba, biex iressaqlu appell. Appell jista' jitressaq minghajr bzonn ta' attendenza personali tal-appellant.

Ir-rikorrent jghid li kif ircieva l-istejjem, ipprova jikkomunika ma' certu Sur Degabriele, li milli jidher hu ufficjal fid-dipartiment tal-VAT. Probabbli, ir-rikorrent kien jaf lil din il-persuna u ried ikellmu biex forsi dan imexxih. Dan is-Sur Degabriele, pero', kien bis-"sick leave", u r-rikorrent baqa' ma ghamel xejn. Dan huwa nuqqas serju da parti tar-rikorrent, ghax jekk ma setax ikellmu "habib" tieghu fid-dipartiment, kellu jara x'jaghmel u mhux jitlaq l-affarijiet ghal ghajn ir-rih. Jirrizulta wkoll li certu Sur Hili, ufficjal iehor fid-dipartiment tal-VAT, kien fetahlu ghajnejh biex jaghmel appell, izda r-rikorrent xorta wahda ma hax hsieb iressaq l-appell tieghu fi zmien 30 jum stabbilit bil-ligi. Mhux kaz allura fejn ir-rikorrent kien kompletament "out of action" ghaz-zmien kollu moghti ghall-appell. Seta' johrog mid-dar, u aktar importanti seta' jikkomunika ma' persuni li jkunu f'pozizzjoni li jressqu appell ghan-nom tieghu.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tarax li l-Bord tal-Appelli, f'dan il-kaz, qies b'mod hazin ic-cirkostanzi tal-kaz, u kwindi lanqas ma tara li ghandha tiddisturba l-uzu minnu ta' diskrezzjoni meta sab li r-raguni migjuba ghat-tardivita' ma kinitx wahda serja bizzejjed li tiggustifika r-rimedji ta' *restitutio in integrum*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tar-rikorrent Amabile Zammit billi tichad l-istess, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------